# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar is-7 ta' Ottubru 2021**

**Rikors Numru : 153/2021 JPG**

**Kawza Numru : 26**

**MS**

**vs**

**MA**

## Il-Qorti;

Rat ir-rikors ta' MS, datat 15 ta' April 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu nhar it-tnax (12) ta' Gunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) in-Naxxar, Malta u minn dan iż-żwieġ kellhom żewġ ulied, C li twieled X u Z li twieled Y;*

2. *Illi l-partijiet iffirmaw ukoll kuntratt ta' separazzjoni nhar il-11 ta' Novembru 2016, kopja hawn annessa u mmarkata bħala* **Dok MS1***;*

3. *Illi għaddew ukoll aktar minn erba' (4) snin mid-data tas-separazzjoni de facto tal-partijiet;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett raġjonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni dwar il-manteniment;*

6. *Illi l-esponenti jixtieq jipproċedi bil-ħall taż-żwieg permezz tal-proċedura tad-divorzju kif ikkontemplat fl-artikolu 66A et seq tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. *Illi ai termini tal-Artikolu 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.20 l-esponenti jeħtieġ l-awtorizzazzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jipproċedi bil-kawża għad-divorzju;*

*Għaldaqstant, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni u/jew proċedura u/jew provvediment, inkluż, jekk ikun il-każ, permezz tal-proċeduri ta' medjazzjoni, illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuna, tagħti l-awtorizzazzjoni neċessarja sabiex l-esponenti jipproċedi bil-kawża għad-divorzju u l-ħall taż-żwieġ.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' MA datata 11 ta' Mejju 2021, a fol 25 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi preliminarjament jigi rilevat illi ai termini tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ta' bejn il-partijiet, debitament mehmuz mar-Rikors Promotur u mmarkat bhala Dok. MS1, l-esponenti rrivertiet ghal kunjom xbubitha, ossia A, u mhux kif skorrettement indikat mir-rikorrent;*

2. *Illi wkoll fuq bazi preliminari, jigi rilevat illi r-Rikorrent naqas milli jipprezenta kopja tac-certifikat ossia l-Att taz-Zwieg tal-Partijiet, ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti hija sprovvista min-numru progressiv tar-registrazzjoni tal-Att taz-Zwieg illi huwa necessarju minn dina l-Onorabbli Qorti ai fini tas-sentenza ta' divorzju kif mitluba minn sub-artikolu 4 tal-*

*Artikolu 66A tal-Kap 16;*

3. *Illi fi kwalunkwe kaz, l-esponenti tirrileva illi mhux kontest illi l-partijiet ilhom separati de facto iktar mnn 4 snin kif jidher mill-kuntratt ta' separazzjoni diga pprezentat in atti u mmarkat bhala Dok MS1;*

4. *Illi l-esponenti tikkonferma wkoll illi m'hemm ebda cans ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;*

5. *Illi madanakollu, l-esponenti tirrileva illi ma gietx sodisfatta l-kundizzjoni mitluba f'Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 u dan stante illi qatt ma gie rivedut il-manteniment skond l-gholi tal-hajja ai termini ta' klawsola C(i) tal-Kuntratt ta' Separazzjoni ta' bejn il-partijiet (Dok MS1);*

6. *Illi ghaldaqstant, ir-Rikorrent huwa debitur tal-esponent fl-ammont ta' €322,80 rapprezentanti l-ammont ta' retta alimentari versu l-ulied li ghad huwa dovut tenut kont taz-zieda annwali skond l-gholi tal-hajja mit-28 ta' Novembru 2016 sa llum;*

*Daqstant, tissottometti l-esponenti ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti filwaqt li tirrimetti ruhha ghad-decizjoni taghha.*

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-intimata ddikjarat f'seduta stante illi **l-attur kien hallas il-pendenzi kollha ghar-rigward il-manteniment u ghalhekk l-intimata irtirat l-eccezzjoni dwar il-manteniment dovut** (Vide fol 31);

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**MA xehdet (vide affidavit fol 27)** illi hija zzewget lill-attur nhar it-12 ta' Gunju 2005 u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni. Xehdet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 11 ta' Novembru 2016. Iddikjarat illi mid-data tas-separazzjoni qatt ma kien hemm rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda tama tal-istess stante li t-tnejn li huma ghandhom relazzjoni ma' persuni ohra. Finalment ikkonfermat

illi kien hemm xi arretrati li gew mhallsa fil-mori tal-kawza u ghaldaqstant ma ghadhiex toggezzjona ghal-hall taz-zwieg.

**MS xehed (vide affidavit fol 35)** u konferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***
>
> ***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-12 ta' Gunju 2005 liema zwieg jgib c-certifikat numru 886/2005 (vide Dok SM1, certifikat taz-zwieg, a fol 33 et seq., u li minn dan iz-zwieg twieldu zewgt ulied, li ghadhom minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali nhar il-11 ta' Novembru 2016 fl-atti tan-Nutar Dr Kristel Elena Chircop (vide Dok MS1, a fol 4 et seqq.) Ghalhekk, jirrizulta illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar zmien minn dak rikjest mil-ligi.

Il-Qorti tqis inoltre li jirrizulta sufficjentement pprovat li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. Di piu', jirrizulta li l-arretrati ta' manteniment dovuti gew mhallsa fil-mori tal-kawza.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib ic-certifikat numru 886/2005 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**